

# Amsterdam

## Christmans Markets & Efteling' Theme Park'

**6 ijiem**

**14 - 19 ta' Diċembru 2023**

**Inżuru:** **Amsterdam, Rotterdam, Alkmaar, Kinderdijk, Marken, Volendam u Zaanse Schans**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz |
|---|---|
| Kamra ta żewġ persuni | €910 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1150 |
| Tfal sa 11–il sena f'kamra ma' 2 adulti | €760 |
| Half Board Supplement Adulti (4 ikliet) | €115 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Amsterdam – Malta mal Air Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats u cable cars mhux inklużi)
- 5 iljieli - Hotel Novotel 4 star ġewwa Amsterdam
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport, city tax u service charge
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### Il-Ħamis 14 ta' Diċembru
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.30 sabiex nagħmlu check in għat-titjira KM394 li titlaq fit-07.40 u tasal Amsterdam Schiphol fil-10.50. Nibqgħu sejrin lejn iċ-ċentru tal-belt, dawra mal leader biex naraw in-National Monument, Rembrandt Square, Dam Square u oħrajn. Ħin liberu, wara Inkomplu lejn il-hotel, check in f' **Novotel Amsterdam City 4 star**. Aktar tard għal min irid wara jista' jmur mat-tour leader biex inżuru l- 'Christmas Market'. **Amsterdam** hija waħda mill-aktar ibliet li jiċċelebraw il-festi tal-Milied. Is-Suq tal-Milied f' Amsterdam mhuwiex suq wieħed biss; fil-fatt hemm aktar minn 12-il suq tal-Milied f'Amsterdam u r-reġjun tal-madwar

### Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru
Eskursjoni ta' nofstanhar fejn nżuru **Alkmaar** sabiex nassistu għall-famuż suq tal-ġobon. **Nies lebsin kostumi tradizzjonali** jġorru l-ġobon fuq speċi ta' karettuni apposta għal bejgħ tal-ġobon joħolqu spettaklu mhux tas-soltu **fil-pjazza prinċipali** ta' din il-belt. Ikollna ħin liberu għax xiri tas-suvenirs u wara nirritornaw lura lejn **Amsterdam**, fejn ikkolna ħin għal sughtseeing u shopping minn din il-belt. Filgħaxija ingħaqdu magħna għall-**candle light cruise** (extra) sabiex f'atmosfera unika naraw Amsterdam mixgħula filgħaxija, filwaqt li nkunu fuq dgħajsa apposta minn fejn induqu ġobon Olandiż u inbid. Titilfuhiex!!

### Is-Sibt 16 ta' Diċembru
Wara l-buffet breakfast, ikollna eskursjoni għal **Marken u Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika **Olandiża**, fejn apparti li nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda, ikollna wkoll l-opportunita li nżuru l-villaġġ ta' **Zaanse Schans** li jinsab fuq ix-**xmara Zaan**, magħruf għall-**windmills**, kif ukoll razzett tipiku fejn il-ġobon għadu jiġi pproċessat b'mod tipiku u anke l-manifattura tal-famużi żraben Olandiżi, **il-Clogs**. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija ħarġa mal-leader saċ-ċentru tal-belt.

### Il-Ħadd 17 ta' Diċembru
Breakfast u wara ġurnata Libera iżda min irid immorru ġurnata f'atmosfera festiva **'Efteling' Theme Park'** (dħul extra), post ta' divertiment għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Hawn insibu roller coasters, Pirate Ship, Magic Bowl u Trackless Train, Ocean Self Control Plane, W-Wave Flying Boots u bosta logħob ieħor u shows għal kulħadd.

Dawn kollha jagħmlu din il-ġurnata waħda memorabbli għal kulhadd. Nirritornaw lura lejn il-lukanda.

### It-Tnejn 18 ta' Diċembru
Illum nistednuk tiskopri magħna il-post magħruf għall-imtieħen fl-**Olanda**, **Kinderdijk** li hu iddikjarat bħala wirt patrimonjali mill-UNESCO. Imkien fid-dinja ma'ssib numru ta' **mtieħen** daqs kemm hawn f'dan il-villaġġ. Min irrid jista' jieħu **boat trip madwar il-kanal (extra).** Inkomplu lejn l-belt ta' **Rotterdam** fejn nagħmlu **walking tour fiċ-ċentru tal-belt**. Ikollna xi ħin liberu biex ingawdw il 'Christmas Markets' sbiħ ta din il belt. Nirritornaw lura lejn il-lukanda.

### It-Tlieta 19 ta' Diċembru
Buffet breakfast u transfer bil-kowċ lejn Schipol Airport fejn nagħmlu check-in għal titjira KM395 li ttir fil-11.30 u tasal Malta fit-14.35

